# Tagħrif dwar Ħajjet u Ħidmet Mons. Isqof Annetto Depasquale



**28-06-1938 - 29-11-2011**

minn Dr Carmel Bianchi

Imnikkta bit-telfa għall-għarrieda ta' Mons. Isqof Annetto Depasquale, ikun wisq opportun li fil-ħarġa ta' din is-sena, insellmu l-memorji tiegħu b'xi tagħrif dwaru.

Dun Nett, kif inhu magħruf mill-Qriema, twieled Ħal Qormi nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 1938. Dan is-saċerdot umli, kien l-ewwel wild minn fost disa' aħwa, bin is-Sur Eddie u s-Sinjura Teddie neè Coleiro. Ġie mgħammed fil-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi ħamest ijiem wara twelidu, jiġifieri l-Ħadd 3 ta' Lulju 1938 u ingħata dawn l-ismijiet: Annetto, Kalċidon, Ġużeppi, Karmenu u Ġorġ.

Ta' età żgħira, Dun Nett rifes l-għatba tal-iskola għand is-Sorijiet tas-*Saint Joseph*, fejn minn hemm, għadda għal-Liċeo. Meta kellu ħames snin, Dun Nett irċieva l-Ewwel Tqarbina u ta' seba' snin (kif kienet l-użanza ta' dak iż-żmien), għamel il-Griżma tal-Isqof. Fl-istudji tal-iskola m'hemmx xi ngħidu, mgħejun minn missieru li kien skrivan u ommu li kienet għalliema, sab triq dritta u lixxa biex għenietu javvanza sew fl-edukazzjoni tiegħu. Tant kemm hu hekk, li għal bosta snin wara xulxin, klassifika bla ftaħir fl-ewwel post bl-ogħla marki għal kull suġġett. Dun Nett, kien anke saħansitra ġie l-ewwel fl-eżamijiet tal-Matrikola, u f'dik l-istess sena, 1954 daħal l-Università Rjali, il-Belt Valletta. Sentejn wara, beda jħejji t-triq għas-saċerdozju billi daħal fis-Seminarju Maġġuri, il-Furjana.

Bħala student universitarju, Dun Nett ħa kors fil-Letteratura, fit-Teoloġija u l-Filosofija. Dan sar ukoll fl-istess perjodu meta kien ukoll seminarista. L-imħabba u d-dedikazzjoni lejn l-istudju, għenuh biex ma jaqtax qalbu, tant li r-riżultati miksuba minnu fil-gradi akkademiċi, taw xhieda li l-għerf ta' dan il-bniedem kien kbir: il-B.A. (fl-1958), Il-B.D. (fl-1960) u l-Lic.D. (fl-1962).

Dun Nett, kien ordnat saċerdot, tliet snin wara l-mewt ta' missieru, minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Dan seħħ fis-seba' jum t'April 1962. L-ewwel quddiesa tiegħu fil-Parroċċa Ġorġjana kienet tqaddset fid-29 ta' Lulju 1962. F'dik l-istess sena, Dun Nett, temm il-kors universitarju tiegħu fil-Fakultà tat-Teoloġija, u hawn moħħ dan is-saċerdot reġa' wera l-kapaċità tiegħu billi għal darba oħra reġa' ġie l-ewwel. Bħala premju, il-Gvern ta' Malta kien tah borża ta' studju, b'Dun Nett, approfitta ruħu billi f'Ruma speċjalizza fil-Liġi Kanonika. Igradwa avukat fil-kawżi tal-Knisja. Matul dawn l-erba' snin li Dun Annett kompla l-istudji tiegħu barra minn xtutna, u kiseb il-lawrji fil-J.C.B., fil-J.C.L. u fil-J.C.D.

Eżatt wara, jiġifieri kif temm l-istudji tiegħu f'Ruma (fis-sajf tal-1967) ippubblika t-teżi tiegħu. Fl-1968, fl-Università Tal-Qroqq, Dun Nett ġie maħtur professur u għallem it-Teoloġija u l-Liġi fl-Università ta' Malta. Dan baqa' jagħmlu għal ħdax-il sena, għax għajnejn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca raw il-kapaċitajiet u l-ħiliet ta' dan il-bniedem, u feda f'idejh waħda mill-karigi għoljin fil-Knisja Maltija, dik ta' Kanċillier fil-Kurja Arċiveskovili. Is-snin bejn l-1967 u l-1977, raw lil Dun Nett jiddedika ħafna mill-ħin tiegħu fil-*Pastoral Research Services* tal-Kurja Maltija u apparti li dan is-saċerdot kien membru fil-Kunsill Presbiterali, fl-1977, inħatar ir-Rappreżentatur tal-Arċisqof fil-Kunsill għall-Appostolat tal-Lajċi.

Ta' min iżid jgħid, li Dun Nett kien imfittex ħafna minn koppji, speċjalment minn dawn Qriema, biex iżewwiġhom. Grazzi wkoll għall-inizjattiva tiegħu, il-Librerija Parrokkjali rat it-twelid tagħha. Fost il-ħafna impenji tiegħu, Dun Nett kien iqaddes f'garaxx mibdul f'kappella ċkejkna, fl-inħawi kif isibuha l-Qriema 'Tal-Vitorja'. Kien ukoll jagħmel laqgħat lix-xebbiet tal-Leġjun ta' Marija u konferenzi lill-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika. Fost l-impenji tiegħu ta' matul il-ġurnata, Dun Nett kien iqaddes ukoll quddiesa għall-Kattoliċi Ingliżi.

Fil-bidu tas-snin tmenin, Dun Nett inħatar Monsinjur tal-Katidral. Kien il-Ħadd 13 ta' Jannar 1980, meta Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca tah dan il-ġieħ.

Fil-ħatra tiegħu ta' Vigarju Ġenerali, b'digriet maħruġ fis-17 ta' Mejju 1993, iffirmat minnu stess, il-Banda Anici ingħatat id-dritt biex tieħu sehem fil-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

Data oħra importanti li ċertament mhux biss kienet ta' għożża għal dan il-bniedem maħbub u għal dawk il-ħafna li jafuh, kienet dik tas-Sibt 2 ta' Jannar 1999, meta Monsinjur Annetto Depasquale inħatar Isqof. Fis-17 ta' Jannar 1999, quddiesa solenni ta' radd il-ħajr, tqaddset fil-parroċċa fejn ġie mgħammed. Dakinhar, it-tempju majestuż Ġorġjan, libes il-libsa tal-festa biex jilqa' fih b'unur, lil wieħed mill-ulied tiegħu.

L-ogħla ġieħ li l-Kunsill Lokali tal-Belt Pinto jista' jagħti, huwa dak ta' Ġieħ Ħal Qormi. Dan l-unur jingħata ġeneralment f'attività mtella' minn dan il-Kunsill biex ifakkar Jum Ħal Qormi li jkun iċċelebrat fil-25 ta' Mejju. Dan il-Kunsill ma naqasx li jonora lill-Monsinjur Isqof Annetto Depasquale. Għalhekk, fil-25 ta' Mejju 2000, il-Wisq Rispettabbli Sindku ta' dak iż-żmien, Clyde Puli,

Ikompli f'paġna 157

L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ssellem u tferraħ

Ikompli minn paġna 145

illum Membru Parlamentari, tah dan l-unur f'isem il-Qriema kollha.

Ħidmet Dun Annett, ma kellhiex, waqfien u kif kien jgħid huwa stess, erbgħa u għoxrin siegħa f'ġurnata għalih ma kinux biżżejjed.

Imma ġara, li bħal sajjetta fil-bnazzi, Dun Nett intlaqat minn marda kiefra u li sal-lum baqgħet inspjegabbli. Għal din ir-raġuni, Monsinjur Annetto Depasquale kellu jillimita ruħu minn ħafna funzjonijiet u ċerimonji kemm reliġjużi kif ukoll dawk soċjali. Però, għax it-triq tal-Mulej ħadd ma jifhimha, din il-marda ppermettiet li l-menti u l-memorja ta' dan il-bniedem baqgħu tajbin, u għalkemm fil-limitazzjoni tiegħu, l-Isqof Depasquale baqa' jaqdi dmiru u jagħti s-sehem tiegħu.



Żgur li d-data tal-jum tat-Tlieta 29 ta' Novembru 2011, qatt u ħadd m'għaddielu minn moħħu li kienet se tkun l-aħħar ġurnata ta' Dun Annett. Dan għaliex, f'dak il-jum, bl-aktar mod seren, Dun Annett mar jitgħannaq ma' Kristu Rxoxt. Din kienet telfa kbira kemm għall-familjari tiegħu, kif ukoll għad-Djoċesi Maltija.

L-għada tal-mewt tiegħu, il-katavru ta' Monsinjur Annetto Depasquale, inġarr b'korteo mid-dar tiegħu għall-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' San Ġorġ fejn hemm ingħata l-aħħar tislima. Il-Ħamis l-1 ta' Diċembru 2011, tkompla l-funeral tiegħu, billi filgħodu, il-ġisem tiegħu ittieħed fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta biex hemm ukoll mijiet ta' Maltin sellmulu għall-aħħar darba. Wara nofsinhar, tmexxiet quddiesa kkonċelebrata, bil-Prim Ċelebrant ikun Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona O.P. flimkien ma' għadd kbir ta' monsinjuri, kanonċi, saċerdoti u reliġjużi. Kif kien mixtieq mill-Familja Depasquale, il-funeral tkompla taħt forma privata. Il-kadavru ta' Monsinjur Isqof Annetto Depasquale kien midfun fiċ-Ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata, fil-qabar tal-familja. Il-kalċi flimkien ma' paramenti sagri u oġġetti oħra ta' Monsinjur Isqof Annetto Depasquale sabu posthom fil-Knisja ta' San Ġorġ u qed jinżammu b'għożża kbira.

F'isem il-poplu Malti, speċjalment dak Qormi, minn qalbna nroddu ħajr lil Alla għar-rigal kbir li ħares il-merħla ta' Kristu.

**Referenzi**
Kan. Ġwakkin Schembri: L-E.T. Mons. Isqof Annetto Depasquale.
Ħajr minn qalbi lis-Sinjorina Ġemma Depasquale.

## Maratona 8 Ball Pool b'risq 'Puttinu Cares'
## organizzata mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici - Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Mejju 2012




L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ssellem u tferraħ